MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru 5/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Owen Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 5 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Owen Bonnici, li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-uniku Kap illi fil-hmistax ta' Gunju tas-sena elfejn u erba', fil-hin ta' wara nofsinhar, il-Pulizija Maltija, fil-kors ta' investigazzjonijiet dwar traffikar ta' droga fl-inhawi ta' Hal-Qormi, ghamlet tfittxija gewwa l-Qormi Football Club gewwa Valletta Road.

Hemm gew sabu lil Owen Bonnici, li allura kien il-persuna responsabbli mill-gestjoni tal-imsemmi Club, u fil-pussess u kontroll tieghu nstab li kien hemm madwar kilo raza tal-

cannabis mohbija go basket tal-plastik, kif ukoll mizien elettroniku li kien hemm wara l-Bar.

Minn aktar stharrig, irrizulta li dan Owen Bonnici kien akkwista l-imsemmija droga fil-perjodu ta’ xi sitt xhur qabel l-imsemmija data, minghand certu Victor Magri maghruf bhala “c-Cinqu”.

Minn dan l-istharrig kollu, harget stampa cara li Owen Bonnici kien fil-hsieb li jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, wara li jkun ipprokuraha w akkwistaha minghand haddiehor, u wara li kien ikun fil-pussess xjenti tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis.

L-ahhar darba li kien materjalment fil-pussess tar-raza kien proprju dakinhar tal-15 ta’ Gunju, 2004, u cioe’ meta l-Pulizija dahlu minghajr pre-avviz fil-fond minnu gestit u qabduh b’kwantita’ ta’ raza fil-pussess u taht il-kontroll tieghu.

F’dan l-istess fond, ossia Club, f’diversi hinijiet tal-gurnata kienu u ghadhom jiltaqghu normalment zghazagh ta’ etajiet diversi u lkoll bl-imhabba ghall-isports.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Owen Bonnici sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u b’dan ukoll li r-reat sar

fi, jew gewwa distanza ta’ 100 metru mill-perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Owen Bonnici, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghal-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w li r-reat sar, fi, jew gewwa distanza ta’ 100 metru mill-perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-21 ta' Frar, 2007 li biha eccepixxa in linea preliminari illi l-kawza fil-proceduri fl-ismijiet premessi ma tistax tghaddi 'l quddiem fuq l-att tal-akkuza pprezentat stante li hemm difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas tar-rapport tal-Pulizija w dan ai termini tal-artikolu 597(4) tal-Kap.9.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2007;

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur issottometta li dak li jidher li sar a fol. 23 tal-kumpilazzjoni kellu jsir fil-bidu tal-kumpilazzjoni u mhux f' dak l-istadju. Inoltre ic-*"charge sheet"* mhux ir-rapport. B'analogija mall-kaz meta l-ezami tal-imputat ma jkunx gie iffirmat mill-Magistrat, il-kumpilazzjoni tkun nulla w konsegwentement l-att tal-akkuza ukoll ikun null u bla effett.

L-abbli prosekutur irribatta li a fol. 23 l-ufficjal kien ikkonferma l-investigazzjoni w dan xorta wahda jammonta ghall-rapport. Biex ikun hemm in-nullita' eccepita mill-akkuzat, skond il-ligi, jinhtieg li jkun hemm in-nuqqas ghal kollox tar-rapport konfermat bil-gurament mill-ufficjal tal-pulizija,

Ikkonsidrat;

F' dan il-kaz jirrizulta li l-akkuza kontra l-akkuzat giet registrata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fis-17 ta' Gunju, 2004, u din giet assenjata lill-Magistrat Dottor Anthony Micallef Trigona (fol. 1). B' dana kollu l-prezentata tidher li saret quddiem il-Qorti preseduta mil-Magistrat Dr. Lawrence Quintano fl-istess jum (Fol. 8). Dak in-nhar gie verbalizzat testwalment hekk :-

*"Meta issejjhet il-kawza deher l-imputat assistit mill-Avukat Difensur Dr. Joseph Giglio. Deher l-Ufficjal Prosekutur* (Sic!)*, l-Ispetturi Nezren Grixti u Pierre Grech, fejn*

*ipprezenta, qara, kkonferma u halef c-'charge sheet' taht Gurament fl-Awla"*

Gie ukoll verbalizzat li wara sar l-ezami tal-imputat, giet gustifikata l-prezentata taht arrest u saret talba ghall-liberta' provizorja li, wara trattazzjoni, giet milqugha w l-kawza giet differita ghall-24 ta' Gunju, 2004. (fol. 8).

Fil-fatt il-kumpilazzjoni kompliet fil-5 ta' Lulju, 2004 quddiem il-Magistrat Micallef Trigona w dak in-nhar xehed l-Ispettur Nezren Grixti w diversi xhieda ohra tal-Prosekuzzjoni.(Fols.20 u 21). Id-depozizzjoni tal-Ispettur Grixti tinsab traskritta a fol. 23 et seq. tal-process. Din tirrigwarda l-*iter* tal-investigazzjoni li saret mill-Pulizija. Minn hemm il-quddiem kompliet il-kumpilazzjoni sakemm gie prezentat l-att ta' l-akkuza odjern.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment kif gej:-

*"L-att ta' l-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minnhabba xi wiehed minn dawn id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' l-akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija ……bla hsara dejjem tal-jedd ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skond il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova."*

Illi mbaghad skond l-artikolu 390(1) tal-Kap.9 il-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti Istruttorja trid :- *"tisma' r-rapport bil-gurament ta' l-ufficjal tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport. Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub."*

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li meta kienet ser tibda l-kumpilazzjoni fuq l-akkuzi, l-Ispetturi

prosekuturi Grixti u Grech kienu kkonfermaw l-akkuzi bil-gurament. Dan jirrizulta espressament mill-verbal a fol. 8. Kif irriteniet fil-kawzi l-ohra decizi fl-udjenza tal-lum u cioe' **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Gatt et"** u **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Anthony Bartolo",** din il-Qorti hi tal-fehma li l-qari tal-akkuza bil-gurament mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun qed jaghmel il-prosekuzzjoni jissodisfa l-vot tal-ligi kif mahsub fl-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali. Din kienet dejjem il-prassi segwita fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w cioe' li mal-prezentata bl-arrest (jew f' kazijiet fejn l-akkuzat jigi imsejjah biex jidher b' citazzjoni) li l-ewwel u qabel kollox jitla' fuq il-pedana tax-xhieda l-ufficjal prosekutur u jaqra '*verbatim'* l-akkuza jew akkuzi w jikkonfermhom bil-gurament. Dan hu r-*"rapport"* ghal-fini tal-ligi f' dan il-kontest w din il-Qorti ma taf bl-ebda forma ta' *"rapport"* iehor li tintuza f' dan l-istadju tal-process kriminali.

Illi hu minnu li, ghalkemm gie verbalizzat li din il-formalita' ritwalistika giet osservata, fl-atti tal-istruttorja ma hemmx it-traskrizzjoni ta' din il-konferma tal-akkuza bil-gurament mill-Ispetturi Grixti w Grech.

Pero' dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma jammontax ghar-rekwizit ta' "**<u>nuqqas ghal kollox</u>** tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija".

Illi kif fuq intqal gie espressament verbalizzat li z-zewg spetturi prosekuturi kienu ipprezentaw, qraw, ikkonfermaw u halfu c-'charge sheet' taht gurament fl-Awla w kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Martin J. Camilleri"** [20.1.1995] (per V. DeGaetano J.) meta ccitat verbatim minn sentenza ohra moghtija mill-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Joseph Mohnani"** [28.4.1993], sia pure f' kuntest differenti minn dak mertu ta' din l-eccezzjoni, : *"il-Qorti ma tistax thares b' leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."*

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba gie espressament verbalizzat li l-ufficjali tal-pulizija ikkonfermaw c-*'charge sheet'* ossia l-akkuza bil-gurament, ma jirrizultax id-difett fl-atti tal-kumpilazzjoni li jista' jaghti lok ghan-nullita' tal-att ta' l-akkuza odjern skond l-art. 597(4) tal-Kodici Kriminali w, konsegwentement, l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi w tichad l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u qed tiddifferixxi l-kawza *“sine die”,* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta’ provvizorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------